# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 34/2016**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Mifsud**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 243771(M)

Illum 7 Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Anthony Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-10 ta' Mejju 2015 04:45PM bil-vettura CAH781 ġewwa Triq is-Santi Limiti ta' Mġarr

- Soqt jew ppruvajt issuq jew kellek kontroll ta vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba x-xorb jew drogi

- Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta’ vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f’post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mil-limitu preskritt
- Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur inqast li tieqaf f’post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika ‘Stop’

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija esponenti appellant jiġi skwalifikat mil-Liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta’ Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli sabet lill-imputat hati u immulatatu multa ta’ €1200.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta’ pagamenti ta’€100 fix-xahar , l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta’ Frar, 2016 b’dak illi jekk ma jsirx il-ħlas ta’ xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta’ tali ħlas, il-bilanċ ta’ l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda att ġudizzjarju ieħor.

Issospenditlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur minn għada u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva mingħand l-akkużat il-liċenzja tas-sewqan minnufih b’dan għandha tiġi ritornata lill-akkużat wara li jkun skada it-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Mifsud minnu ppreżentat fid-29 ta’ Jannar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet Pulziija versus Anthony Mifsud mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar id-19 ta’ Jannar, 2016 fejn sabet lill-imputat ħati taħt l-imputazzjoni numru (3),Tirrevoka u tħassar s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti appellanti ħati taħt l-imputazzjonijiet (1), (2) u tiddikjara lill appellanti mhux ħati tal-imputazzjonijiet imsemmija (1) u (2) miġjuba kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull ħtija u piena;

F'każ illi din it-talba prinċipali biex l-appellanti jiġi liberat mill-imputazzjonijiet (1) u (2) li tagħhom instab ħati ma tiġix akkolta, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi timmitga l-piena inflitta fir-rigward tal-multa fl-ammont ta’ Eur 1,200 u tikkanċella l-ordni mogħti

lill-appellanti fir-rigward ta’ sospensjoni tal-liċenzja  u dana billi tipprovdi sentenza inqas ħarxa, kif dejjem jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-Qorti ma stħarġitx fil-fond sabiex tevalwa fil-każ in eżami l-provi kif hekk miġjuba mill-appellanti. Dan qiegħed jingħad għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, l-appellant ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u kien leali sal-aħħar fl-informazzjoni kollha li ġiet mitluba lilu mil-Pulziija u l-Qorti waqt il-każ.

Illi l-appellanti di fatti ma kienx xurban iżda stqarr mal-Pulizija li riċenti ftit qabel l-inċident huwa kien qiegħed jieħu xi pirmli tad-dipressjoni minħabba li kien mietlu missieru xahrejn qabel l-inċident. Illi di fatti dan kollu intqal ukoll waqt ix-xhieda tiegħu lil Qorti sabiex jispjega illi dan kien inċident ta’ darba. Illi di fatti minkejja li kien qiegħed jieħu dawn il-pirmli, huwa kien qiegħed isuq b’responsabbilta’ għaliex it-tabib tiegħu stess li eżaminah orndalu li jieħu tali pirmli ikkonfermalu u serraħlu rasu illi huwa seta’ isuq u li ma jaffettwawx il-mod tas-sewqan.

Biex ikun iktar korrett u leali fil-verżjoni tiegħu l-appellant ipproduċa lil Qorti ċeritifkat mediku maħruġ mit-tabib tiegħu Dr. Silvio Grixti M.D fejn b’responsabbilta’ ddikjara:

*‘This is to confirm that I had seen above patient for a reactive anxiety disorder during first week of April because of a bereavement where I had to treat above mentioned patient with an anti depressant (citalopram 20mg) and a shirt course of anxiolytic (Bromazepam 3mg).*
*To my medical and pharmacological knowledge, these above mentioned medications can affect driver’s breathalyzer test’*

Illi hawn juri illi l-appellant informa ruħu u ġie kkonfermat lilu mit-tabib professjonali tiegħu illi di fatti huwa seta' jsuq. Illi meta l-Pulizija WPS 242 mar fuq il-post ta' l-inċident ikkonferma illi l-komportament u l-qagħda tal-appellant kienet terġa tgħid normali (!).

Illi l-appellant spjega illi huwa jaħdem bħala distibutur ta' ikel ma' kumpanija privata ġestita mill-familjari tiegħu u s-sospensjoni tal-liċenzja ser tippreġudikalu il-pozizzjoni finanzjarja tiegħu hekk illi għandu sitt xhur ma jaħdimx. L-appellanti għandu familja x'jieħu ħsieb u għaldaqstant tali piena hija meqjusa bħala waħda eċċessiva pparagunata maċ-ċirkostanzi tal-każ fejn seħħ inċident stradali fejn ħadd ma ġie iċċertifikat li weġġgħa gravament. Illi l-anqas ma ġew fornuti mill-prosekuzzjoni ċeritifkati mediċi fuq dan il-għan la minn naħa tal-parte ċivile u lanqas minn naħa tal-appellant.

Illi sfortunatament l-inċident għalkemm naturalment ħasad iż-żewġ partijiet fil-każ, kemm il-parte ċivile u kemm l-appellanti, dan ma kienx każ fejn l-appellant kien taħt sustanza ta' drogi jew alkoħol b'mod u manjiera li seta' b'xi mod ippreġudika s-sewqan tiegħu fit-triq li jrendi ruħu **perikoluż** għal sewwieqa oħra. Dan kollu huwa konfermat kemm mill-fatti speċie tal-każ, mill-Pulizija li sab kull koperazzjoni mill-appellant u li l-appellant stess stqarr illi minkejja ir-riżultat pożittiv fil-kampjun tan-nifs, dan ma kienx ifisser li ma kienx jaf x'inhu jiġri u ma setax isuq. Pjuttost dan kien inċident li seta' jiġri lil kulħadd. Iżda mhux li jiġi ikkunsidrat li seħħ b'kawża ta' abbuż minn xi sustanza illeċita jew alkoħol kif jindikaw fl-akkużi miġjuba.

Illi hawn jistrieħ l-aggravju tal-appellant illi jħoss ili minkejja li kien attent biex jispjega sew l-andament tal-fatti fl-inċident, il-Qorti eskludiet mal-ewwel li b'xi mod tgħarbel iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami billi qalet ' *Peress illi jirriżulta ben ippruvat illi l-akkuzat kien qiegħed isuq il-vettura meta ma kienx fi stat li jagħmel dan u di fatti spiċċa kkawża incident stradali meta baqa' ħiereġ minn fuq stop sign. Il-Qorti issib lill akkużat ħati tal-akkużi kollha.*'

Illi allura hawn jiġi mifhum illi l-Qorti qiset illi l-inċident seħħ unikament minħabba illi l-appellant kien qiegħed jieħu pirmli ta' dipressjoni. Illi minkejja illi t-tabib personali tal-appellant li ppreskrivha l-pirmli msemmija, kkonferma illi dawn jistgħu naturalment jaffettwaw il-breatalyzer test IŻDA mhux il-każ illi l-appellant ma jistax isuq. Dan qiegħed jingħad għaliex il-każ tal-

appellant mhux wieħed fejn hemm mard mentali iżda fejn il-moral ta'persuna waqgħet għal ftit taż-żmien għaliex naturalment kif jiġri f'ħafna persuni, sofra t-telfa ta' missieru li kien miet xahrejn **biss** qabel l-inċident. Illi bir-rispett kollu għandu jiġi rikonoxxut il-fatt illi l-appellant ħa ħsieb li għal ftit perjodu jieħu ħsieb dan il-fatt u jara li jieħu l-kura li kellu bżonn biex jibbilanċja l-istat ta' animu u ma jrendix ruħu distratt u negligenti waqt is-sewqan tiegħu li hu ta' neċessita hekk kif xogħolu huwa bħala driver għaliex iqassam l-ikel fil-ħwienet. Illi terġa u tgħid l-pirmli li ingħatawlu lanqas biss huwa kors meqjus bħala qawwi biex jikkura dipressjoni qawwija. Di fatti fiċ-ċeritifikat anness u mmarkat DokA it-tabib jerġa jikkonferma, wara li ngħata s-sentenza appellata, l-istess pozizzjoni tiegħu dwar il-pirmli li jieħu l-appellant li xjentifikament l-pirmli naturalment ser jaffettwaw il-breathalyzer test iżda mhux fil-kundizzjoni ta' sewqan għaliex l-appellanti fil-każ tiegħu mhux qiegħed f'istat ta' dipressjoni qawwija u li ma jgħarafx fejn u kif qiegħed isuq.

L-appellant jistqarr ukoll illi l-pirmli mgħoddija lill-appellant m'humiex minnhom nfushom pirmli qawwija iżda huma pirmli li huma kkonsidrati meqjusa bħala moderati hekk kif jittieħdu skond il-preskrizzjoni li jordna t-tabib, kif ġara fil-każ tal-appellant. Di fatti doża ta' citalopram 20mg hija kkunsidrata bħala doża minima. Illi anka il-kors qasir li ngħatalu fil-bidu ta' anxiolytic (bromazepam 3mg) hija doża fil-minimu tagħha biex tgħin fl-ammiljorament tal-moral tal-appellant.

Illi tenut kont

- tal-fedina penali netta tal-appellant,
- il-koperazzjoni li kellu l-appellant mal-Pulizija wara li seħħ l-inċident,
- li l-appellant ħa ħsieb li jara hekk kif seħħ l-inċident li l-parte ċivile ma kinitx midruba
- illi l-appellant kien qiegħed isuq taħt superviżjoni tat-tabib tiegħu Dr Silvio Ghrixti
- illi x-xogħol u l-għixien tiegħu u ta' familtu jiddependi proprju u unikament fuq sewqan u

Għaldaqstant piena ta' sospensjoni ta' liċenzja tenut kont taċ-ċirkostanzi għandha tiġi meqjusa bħala waħda eċċessiva l-appellant jinterponi dan l-umli appell sabiex tiġi riveduta s-sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar, 2016 fejn ġie misjub ħati tal-imputazzjoni 1 u 2 wara li dina l-Onorabbli

Qorti tieħu konjizzjoni tal-provi kollha li ġew prodotti quddiemha billi tikkonsidra umilment li tirriserva piena inqas ħarxa minn dik imposta fuq l-appellant li m'għandux jiġi ikkunsidrat bħala sewwieq traskurat jew perikoluż.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u x-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx rekordjata u għaldaqstant din il-Qorti kellha tisma' l-provi mill-ġdid.

**Xhieda u provi esebiti:**

Fl-affidavit tagħha **WPS 242 R Ghirxi** tikkonferma li fl-inċident kien hemm xi nies li weġġħu u li waqt li kienet qed tieħu r-rapport kien hem min ġibdilha l-attenzjoni li jista' jkun li Anthony Mifsud kien fi stat ta' xorb. Hija tiddikjara li '*ta' min jgħid li ma kienx jinxtamm li kellu riħa tal-alkoħol fuqu u kif ukoll kien jidher fi stat normali'* . Huwa aċċetta li jmur magħha biex isirlu t-test tal-breathalyser dan irriżulta posittiva b'riżultat ta' 60mg. Inoltre, tikkonferma li dak il-ħin stess huwa kien qalilha li ma kienx xorob alkoħol iżda li kien qed jieħu xi pilloli għad-depressjoni.

Ix-xhud **Paul Bugeja** li kien is-sewwieq tal-karozza li kienet involuta fl-inċident ma' Anthony Mifsud xehed illi waqt li kienu għaddejjin minn naħa ta' Binġemma, ħarġet karozza minn 'si*de street*' u baqa' dieħel fihom. Hu baqgħa dieħel ġol ħajt bid-daqqa .Ġol karozza kien hemm miegħu l-mara, ommu u ż-żewġt itfal, ċemplu lil ambulanza għax waħda mit-tfal bdiet tibki u tgħajjat. Huwa mar magħhom mal-ambulanza mentri ħalla lil ommu u lil mara hemmhekk. Għal mistoqsija

tal-Avukat Ġenerali għal kif ġab ruħu magħhom is-sinjur huwa jgħid: '*Normali. Ma rajt xejn ta' barra minn hawn, ħa ngħid hekk minn naħa tiegħi.'*

**L-ewwel Aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-fatt li l- Ewwel Qorti ma stħarġitx fil-fond sabiex tevalwa l-provi miġjuba quddiemha mill-appellanti.**

Illi f'dan l-aggravju l-appellant jinsisti li huwa ma kienx xurban u li huwa rriżulta posittiv għall-alkoħol għax kien qed jieħu pilloli speċifiċi għad-depressjoni u li kien awtorizzat isuq bihom mingħand it-tabib tiegħu stess.

L-appellant f'dan l-istadju pproduċa bħala prova ċertifikat mingħand it-tabib tiegħu li jikkonferma li l-*anti depressants u l-anxiolytic* li kien qed jieħu fihom kimika li jirriżultaw posittivi għal breathalyser test. Apparti li ma hemmx indikazzjoni b'kemm iktar jista' jimmarka l-*breathalyser* b'dawn il-pilloli. It-tabib tal-appellant mhuwiex espert tal-Qorti u qas biss ġie mitlub mid-difiża li jitla' jikkonferma ċ-ċertifikat bil-ġurament għaldaqstant dan iċ-ċertifikat ma jistax jitqies bħala prova.

Inoltre, kienet id-difiża li kellha titlob u tinsisti mal-Ewwel Qorti biex jinħatar espert sabiex jippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fir-rigward ta' din il-kontestazzjoni u cioe' li huwa ma xorobx imma l-*breathalyser test* irriżulta posittiv minħabba l-pilloli li kien qed jieħu. Ma jirriżulta xejn f'dan is-sens mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2016 li saret quddiem l-Ewwel Qorti. Kienu xehdu ż-żewġ parti ċivile quddiem l-ewwel Qorti u anke xehed l-akkużat li preżenat ċertifikat iżda f'dan l-istadju tal-proċeduri xehed biss il-parti ċivile Paul Bugeja.

Paul Bugeja fix-xhieda tiegħu meta mistqosi kif ġab ruħu magħhom għall-appellant huwa jgħid li 'Normali. *Ma rajt xejn ta' barra minn hawn, ħa ngħid hekk minn naħa tiegħi.' U fl-affidavid*

*tagħha WPS* 242 R Ghirxi tikkonferma li ma kellux riħa ta' xorb u kien qed iġib ruħu normali magħha.

Madankollu, pero' r-riżultat tal-*breathalyser* jitkellem ċar għax rriżulta posittiv għall-60mg u cioe' darbtejn iktar minn dak permess bil-liġi u għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena imposta stante li skont l-appellant hija eċċessiva.**

Il-piena imposta mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) hija fil-minimu u s-sospensjoni tal-liċenżja għal żmien sitt (6) xhur hija waħda tassativa.

Għaldaqstant din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u għalhekk dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Għaldaqstant, tiċħad l-appell ta' Anthony Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata.